**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Frar, 2017**

**Citazzjoni Nru: 833/2005 AF**

**Avv. James D'Agostino ghan-nom u in rapprezentenza tal-assenti Gary Kimber u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2015, il-Qorti ordnat li Dr. Maria Cardona tigi inkarigata bhala mandatarja minflok Avv. James D'Agostino**

**vs**

**Hotel San Antonio plc (C-302)**

**u**

**Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-Avukat James D'Agostino għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Gary Kimber li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

L-attur nomine gie inkarigat mill-assenti Gary Kimber sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri, skond kopja tal-prokura datata 1

ta’ April 2005, hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A.

Fid-19 ta’ Settembru 2001, l-imsemmi Gary Kimber kien miexi fil-vicinanzi tal-Grand Hotel Mercure Coralia San Antonio, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, meta huwa waqa’ bhala konsegwenza diretta tal-istat tal-bankina quddiem l-istess lukanda.

Tali stat ta’ fatt kien rizultat ta’ diversi hofor illi saru b’mod perikolanti u minghajr ebda sinjaletika ghall-pubbliku, b’non-kuranza assoluta tal-harsien ghas-sahha u s-sigurtà tan-nies, b’dan illi saru bi traskuragni, negligenza, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

L-imsemmi Gary Kimber sofra danni ingenti inkluz griehi u dizabilità permanenti minhabba dan l-incident, skond certifikat mediku hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B.

Debitament interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofra l-imsmemi Gary Kimber, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident illi kien involut fih Gary Kimber meta huwa wegga’ fid-19 ta’ Settembru 2001, u kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali minnu sofferti.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur Gary Kimber, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, biex ihallsu d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta’ Settembru 2003 u b’rizerva ghall-ispejjez futuri li jaf jinkorri Gary Kimber sabiex jew hu, jew xhieda imressqa minnu jinzlu Malta ghall-ezami u/jew kontro-ezami fil-mori ta’ din il-kawza, u l-

imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Avukat James D'Agostino li taqra hekk:

Jiena gejt inkarigat minn Gary Kimber, li huwa ta' nazzjonalità Ingliza u residenti l-Ingiterra, sabiex niftah dawn il-proceduri.

Fid-19 ta' Settembru 2001, Gary Kimber kien miexi barra l-lukanda San Antonio ta' Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, meta huwa waqa' f'hofra barra l-istess lukanda.

Din il-hofra ma kellha ebda sinjaletika intiza ghall-pubbliku, u allura saret bi traskuragni, negligenza, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom.

Minhabba dan l-incident, Gary Kimber sofra danni u griehi, inkluz dizabbiltà permanenti.

Debitament interpellati ghar-rizarciment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Dawn il-fatti naf bihom personalment wara li Gary Kimber, tramite l-konsulent legali Ingliz tieghu, infurmani b'dan kollu u wrieni ritratti illi huwa ha tal-hofra li huwa waqa' fiha.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-Kunsill Lokali konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hofra fil-bankina li skond l-attur kienet il-kagun tal-incident li huwa sofra ma saritx la mill-Kunsill Lokali konvenut u lanqas minn haddiehor fuq inkarigu tal-Kunsill.

Ghalhekk l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar maħlufa minn Paul Bugeja u Mario Ellul, Sindku u Segretarju Eżekuttiv rispettivament li taqra hekk:

Illi l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ma kienx qed jaghmel xogholijiet fuq il-bankina in kwistjoni fiz-zmien li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza.

Illi l-Kunsill Lokali konvenut ma hux responsabbli ghad-danni u allegatament sofra l-attur.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tas-soċjetà Hotel San Antonio plc (C-302) li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari, s-socjetà eccipjenti teccepixxi li rapprezentanti taghha ma kienux avzati "a tempo vergine" bl-allegat incident tal-mandant tal-attur. Ghalhekk jispetta lill-attur noe li jgib prova skond il-ligi li sehh l-allegat incident, li jfisser ic-cirkostanzi tal-kaz u jispjega ghala l-kaz ma ngiebx a konjizzjoni tas-socjetà eccipjenti "a tempo vergine".

Fil-mertu, is-socjetà eccipjenti teccepixxi li l-ewwel talba attrici kif dedotta kontra s-socjetà eccipjenti ghandha tkun respinta billi ghall-incident li fih huwa allegat li kien involut il-mandat tal-attur ma sehhx htija tas-socjetà eccipjenti.

It-tieni talba tal-attur noe kif dedotta kontra s-socjetà eccipjenti ghandha ghalhekk tkun michuda billi fejn jirrigwarda s-socjetà eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur noe.

Isegwi li anke t-tielet talba tal-attur noe kif dedotta kontra s-socjetà eccipjenti ghandha tkun rigettata stante li s-socjetà eccipjenti m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas danni lill-attur noe.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' April 2006 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lil Mr Frederick Zammit Maempel bħala espert mediku.

Rat ir-rapport tal-espert mediku.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur nomine qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi l-konvenuti huma responsabbli għall-inċident tad-19 ta' Settembru 2001 meta Gary Kimber waqa' f'ħofra li kien hemm fil-bankina quddiem il-lukanda San Antonio, proprjetà tas-soċjetà konvenuta, liema bankina taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill konvenut, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti iħallsu danni lill-attur nomine.

Il-Kunsill Lokali konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li l-ħofra li l-attur nomine jilmenta minnha ma saritx mill-Kunsill jew minn persuni inkarigati mill-Kunsill. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċeppiet illi jispetta lill-attur li jġib prova li seħħ l-inċident li qiegħed jilmenta minnu in kwantu li rappreżentanti tagħha ma ġewx avżati bl-allegat inċident "a tempo vergine" kif ukoll illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx ħtija tagħha.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-19 ta' Settembru 2001 waqt illi l-attur nomine u martu kienu hawn Malta vaganza, l-istess attur nomine sofra ġrieħi wara li waqa' f'ħofra li kien hemm fil-bankina quddiem il-lukanda San Antonio f'Bugibba, San Pawl il-Baħar, f'liema lukanda kienu għadhom kemm saru xi xogħolijiet

mis-soċjetà konvenuta. Dak inhar stess l-attur ittieħed l-isptar mill-familjari tiegħu fejn instab illi huwa kien sofra ġrieħi fi spaltu. Ritratt ta' din il-ħofra huwa eżebit in atti in kwantu li l-għada tal-inċident l-attur nomine mar fuq il-post sabiex ikellem lir-rappreżentanti tal-lukanda dwar l-inċident fejn ħa xi ritratti wkoll.

Mark Ciangura, prodott mis-soċjetà konvenuta, jispjega li x-xogħol illi sar fuq il-lukanda proprjetà tas-soċjetà konvenuta kien jikkonsisti f'*refurbishment* u estenzjoni tal-istess lukanda. Huwa kkonferma wkoll illi saru xi xogħolijiet fuq barra konsistenti fi twaħħil ta' *lamp posts* li kellhom isiru mill-kumpannija All Works Limited li m'hijiex parti minn dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi ma jaħsibx illi kellhom isiru toqob mal-art biex jeħlu dawn il-*lamp posts* għaliex dawn jitwaħħlu permezz ta' *bolts*. Jgħid ukoll illi sa fejn jiftakar hu x-xogħol tlesta lejn l-aħħar ta' Awissu tas-sena 2001. Muri r-ritratti eżebiti mill-attur nomine huwa jsostni li ma kienux saru dawn il-ħofor mal-art da parti tas-soċjetà konvenuta.

John Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut jgħid illi mill-informazzjoni li tah is-sindku Paul Bugeja, is-soċjetà konvenuta kienet għamlet mill-ġdid il-bankina in kwistjoni wara li saru xogħolijiet ta' alterazzjoni fil-lukanda. Huwa jgħid ukoll illi kienu saru ħofor fil-bankina sabiex jitwaħħlu *decorative lamp posts* u jikkonferma li mir-riċerka li għamel ma rriżultalux illi l-Kunsill Lokali kien responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet fuq il-bankina fi żmien l-inċident. Huwa jispjega li skont *policies* viġenti tal-Kunsill, min jagħmel xogħolijiet fuq bini u jagħmel ħsara lill-bankina huwa obbligat li jsewwi l-bankina spejjeż tiegħu, u dan abbażi tal-Avviż Legali 295/2007 u ċioè Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti ta' Kostruzzjoni. Iżda l-Qorti tirrileva li dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ wara li ġara l-inċident in kwistjoni u allura fi kwalunkwe każ m'humiex applikabbli għall-każ odjern.

George Abdilla, Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li kien ilu jgħix fil-lokal għal diversi snin, jgħid illi meta saru x-xogħolijiet fuq il-lukanda il-bankina quddiem l-istess lukanda kienet inqalgħet kompletament u l-pavimentar sar permezz ta'

*decorative concrete*. Huwa jikkonferma wkoll li kienu saru *decorative lamps* li huma proprjetà tal-lukanda. M'huwiex ikkontestat illi l-bankina in kwistjoni taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill konvenut kif fil-fatt tikkonferma Sandra Grech impjegata tal-istess Kunsill.

Jirriżulta li l-Kunsill konvenut ma għandu ebda *records* dwar dawn ix-xogħolijiet li saru mis-soċjetà konvenuta fuq il-bankina in kwistjoni, preżumibilment għaliex kif jikkonfermaw rappreżentanti tal-Kunsill stess, dak iż-żmien dawn il-permessi kienu joħorġu mill-pulizija u/jew awtoritajiet oħra u mhux mill-Kunsilli Lokali, iżda ma ġewx preżentati kopji ta' dawn il-permessi.

Finalment, Joseph Azzopardi, direttur tas-soċjetà All Works Limited li kienet inkarigata tagħmel ix-xogħolijiet fil-lukanda San Antonio, jikkonferma li l-pavimentar tal-bankina sar mis-soċjetà li huwa jirrappreżenta. Huwa jgħid illi in kwantu li inħareġ *statement* datat 10 ta' Settembru 2001 neċessarjament ifisser illi x-xogħol kien lest sa dakinhar. Muri ritratt esibit mill-attur huwa jikkonferma li l-pavimentar li jidher fir-ritratt huwa l-pavimentar li għamlet All Works Limited. Huwa jiċħad illi ħaddiema tas-soċjetà li huwa jirrappreżenta għamlu l-ħofra in kwistjoni, iżda in kontro eżami huwa jispeċifika li '*ma jidhirlix li ħallejna toqob jew spazji kif jidher fir-ritratt. Il-manjiera tax-xogħol ma kienx jirrikjedi dan.*'

Il-Qorti tibda billi tqis illi dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 jipprovdi espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 inoltre, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:

> *"In tema ta' dritt jingħad, skond l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, li hi l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistinament, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", u "jitqies fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ….. mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawza "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172*."

Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta mill-verżjoni tal-attur nomine dwar kif seħħ l-inċident u ċioe li huwa weġġa meta waqa' f'din il-ħofra li tħalliet fil-pavimentar tal-bankina. Ma tressqet ebda prova sodisfaċenti sabiex tikkontradixxi l-verżjoni tal-attur.

Fil-każ odjern din il-Qorti jirriżultalha li kien hemm nuqqas da parti taż-żewġ konvenuti, in kwantu li dawn naqsu milli jieħdu kura adegwata li s-sitwazzjoni kienet titlob u tesiġi għat-tutela tad-drittijiet ta' ħaddieħor. In kwantu li kien hemm kondotta li toħloq rapport ta' kawżalità mal-event dannuż, il-Qorti ssib illi l-kawża prossima tal-inċident kienu dawn in-nuqqasijiet.

Jista' jingħad ukoll li l-inosservanza tal-Kunsill konvenut tikkonsisti f'dak l-att jew ommissjoni li jikkostitwixxi ksur ta' dmir impost mil-ligi. Dan qiegħed jingħad għaliex jirriżulta li l-Kunsill Lokali intimat naqas mill-obbligu tiegħu li jsegwi u jissorvelja xogħol li kien qiegħed isir fuq bankina li taqa' taħt ir-

responsabbilità tiegħu. Din in-nuqqas ta' sorveljanza għandha titqies ukoll fiċ-ċirkostanzi bħala nuqqas ta' diliġenza ordinarja mistennija minn bonus paterfamilias.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Kunsill ma jistax jeżonora ruħhu mir-responsabbilità għal dak illi ġara. Il-kontroll illi l-Kunsill għandu fuq it-toroq u bankini jqiegħed obbligu fuqu li jissejjaħ '*duty of care*' li għandu fil-konfront tal-pubbliku li jagħmel użu mill-istess toroq u bankini. Il-bażi ghall-imposizzjoni ta' dan l-obbligu hu li l-membri tal-pubbliku jiddependu mill-awtorità lokali li tiżgura li l-post u l-faċilitajiet huma tajbin u idoneji għall-użu (Caroline Debono vs Kunsill Lokali Nadur, deċiża Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-1 ta' April 2008).

Kif diġà ngħad, ma jirriżultax illi huwa kontestat illi l-bankina in kwisjtoni taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill konvenut. L-Att dwar il-Kunsill Lokali, Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, jispjega li 'triq' tinkludi kull triq, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku u għaldaqstant ċertament illi tinkludi bankina. Skont artikolu 33 tal-istess att, fost il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali, wieħed isib illi l-Kunsill għandu jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija li ma tkunx proprjetà privata, kif ukoll li jżomm fi stat tajjeb postijiet għal nies bil-mixi.[1]

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-Kunsill konvenut għandu jinżamm responsabbli għal dak li ġara in kwantu li huwa obbligat bil-liġi li jara li postijiet li jintużaw mill-pubbliku, bħall-bankini, dejjem jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni sabiex jiġu evitati inċidenti bħal dak in eżami. Passaġġi pubbliċi bħal ma huma bankini għandha ssirilhom manutenzjoni kontinwa. M'huwiex biżżejjed illi l-Kunsill jgħid illi l-ħofra ma saritx minnu jew minn persuni inkarigati minnu għaliex huwa responsabbli sabiex jara li mhux biss illi postijiet aċċessibbli għall-pubbliku jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, iżda wkoll fejn xogħolijiet ikunu saru minn terzi, dawn ix-xogħolijiet isiru tajjeb u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill sabiex ma jikkawżawx

[1] Artikolu 33(1)(a) u (d)

periklu lill-pubbliku.  Mir-ritratt eżebit mill-attur nomine huwa altru milli ovvju li l-ħofra in kwistjoni kienet ilha hemmhekk għal żmien twil.  Xejn ma jiswa li ħadd qabel ma kien għadu waqa' fiha (sa fejn huma informati l-partijiet) u li l-bankina hija wiesa', għaliex il-fatt jibqa' li tħalliet ħofra perikoluża fuq bankina li tintuża regolarment mill-pubbliku u minħabba f'hekk weġġa l-attur nomine.

Il-Kunsill Lokali kien jaf illi kienu qegħdin isiru dawn ix-xogħolijiet fil-lukanda inkluż fuq il-bankina u għaldaqstant kien jispetta lilu li jara li kwalunkwe perikolu li jitħalla fuq il-bankina jiġi rimedjat immedjatament jew ghall-anqas jitpoġġew fuq il-post sinjali adegwati sabiex utenti tat-triq ikunu konxji tal-periklu.

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Falzon vs Kunsill Lokali Iklin, deċiża fit-22 ta' Novembru 2006:

> "*Stabbilit mill-provi, anke fuq l-ammissjoni tal-Kunsill appellanti, illi t-triq fejn sehh l-incident kienet taqa' fir-responsabilità tieghu, bla dubju dan il-Kunsill kien soggett ghall-istess obbligi tad-depozitarju ghal dak li hija kustodja u konservazzjoni tal-haga fdata lilu. Li jfisser illi, la t-triq kienet fid-disponibilità tieghu, u allura soggetta ghal vigilanza tieghu, kien impellenti fuq il-Kunsill li hu jzomm kontroll kontinwu u effikaci biex jimpedixxi l-holqien ta' kawzi ta' perikolu ghal terzi. Jikkonsegwi illi hu ghandu b' dover l-obbligu li jmantni t-triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni f'kull rispett u jiskansa lill-utenti mill-insidji li jistghu jezistu jew jizviluppaw fit-triq.*"

Hekk ukoll l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Saliba vs Is-Sindku, Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar et, tat-28 ta' Jannar 2008 qalet hekk:

> "*Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*

*dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eskluzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili*." (Enfasi miżjud).

Kif ingħad ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija et, tat-3 ta' Ottubru 2003:

"*Applikati ghal kaz hawn trattat il-Qorti tara li kien jinkombi b'dover fuq l-awtorità pubblika, u dan ighodd ukoll ghall-enti pubblika, responsabbli minn certi xoghlijiet, illi tassikura li l-uzu tat-triq u l-flow of traffic jigu zvolti minghajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-mizuri prekawzjonali li jharsu l-inkolumità ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkun qed jaghmlu uzu mit-triq. Hekk per ezempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet ohra adegwati. L-istess awtorità jew enti pubblika ghandha wkoll id-dover li thares, b'indukrar sufficcjenti, illi fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet stradali kuntratturi inkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi. Jekk l-awtorità jew enti pubblika tonqos f'dan tista', u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju il-kaz in ispecje.*"

Imiss issa li tiġi kkunsidrata r-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta. Minkejja li s-soċjetà konvenuta tiċħad illi din il-ħofra saret minn persuni inkarigat minnha, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen il-verżjoni tagħha. Ix-xhieda kollha mressqa mill-konvenuti, inkluż mis-soċjetà konvenuta stess jikkonfermaw l-verżjoni li ta l-attur nomine fl-affidavit tiegħu fis-sens illi l-pavimentar in kwistjoni sar mill-lukanda stess jew nies inkarigati minnha meta kienu qegħdin isiru xogħolijiet fl-istess lukanda.

Is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda process konvincenti in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha li dawn il-ħofor ma sarux

minnha. In kwantu li mill-provi mressqa huwa ċar illi l-pavimentar fil-fatt sar minn persuni inkarigati mis-soċjetà konvenuta, kien jispetta lill-istess konvenuta li tressaq provi rassikuranti li juru li l-dawn il-persuni jew persuni oħra inkarigati minnha ma għamlux din il-ħofra fil-pavimentar. Kollox jindika li dawn il-ħofor saru sabiex jeħlu id-*decorative lamp posts* imsemmija. Ma ġie esebit ebda ritratt ta' dawn id-*decorative lamp posts* li twaħħlu fil-post sabiex il-Qorti tara kif twaħħlu - jekk hux sempliċiment permezz ta' *bolts* fuq il-pavimentar. Il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li dawn il-*lamp posts* twaħħlu permezz ta' *bolts* biss mingħajr ma kien hemm ħtieġa li ssir ħofra fil-pavimentar. Il-Qorti tifhem li xorta wahda kellha ssir xi hofra biex jghaddi l-kurrent elettriku ghall-*lamp posts*.

Is-soċjetà konvenuta ssostni fin-nota tagħha li x-xogħol kien lest sad-data tal-inċident iżda bid-dovut rispett, fattura li hija datata 10 t'ijiem qabel l-inċident m'huwiex biżżejjed sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li kien xi ħadd ieħor li ħaffer il-ħofra in kwistjoni wara li tlestew ix-xogħolijiet u dan speċjalment meta jidher ċar mir-ritratt eżebit illi din il-ħofra kienet ilha hemm.

Il-Qorti kkunsidrat illi artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi*."

Ladarba jirriżulta li x-xogħol fuq il-pavimentar tal-bankina sar fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, hija għandha ġġorr ir-responsabilità ta' danni kkawżati meta tħalliet ħofra f'dan il-pavimentar minn persuni inkarigati minnha li fiċ-ċirkostanzi rriżulta li ma kinux kompetenti f'xogħolhom in kwantu li ħallew perikolu ċar f'post li jintuża mill-pubbliku. Ma jirriżultax illi ttieħdu ebda miżuri sabiex jiġi evitat il-periklu, żgħira kemm kienet żgħira il-ħofra, billi per eżempju tqiegħdu xi lqugħ madwarha jew xi sinjali sabiex persuna li tkun miexja fit-triq tinduna bil-perikolu.

Rilevanti għal dan il-każ huwa dak li ngħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe tas-17 ta' Frar 2002:

*"Il-gurisprudenza recenti qed taghmilha cara li ebda sid kemm jekk privat kif ukoll Gvern ma jista jehles mir-responsabilità billi jghid li hu qabbad in-nies biex jaraw li jigi evitat incident. Kull sid irid johloq sistema adegwata ta' kontroll biex tassigura li l-mizuri li jittiehdu kontra perikolu ta' hsara jkunu effetwati. Ara f'dan is-sens Abela vs Prim Ministru et deciza fit-23 ta' Ottubru 1992. Din kienet kawza konsegwenza ta' incident fatali li sehh Xatt ir-Risq, meta persuna baqghet niezla ghal bahar minn rampa fl-inhawi. Il-Qorti qalet li kien id-dover tal-Gvern li r-rampa tkun protetta b'safety barriers u sinjali adegwati biex il-pubbliku jkun avzat u protett. Id-difiza li kienu tpoggew barrikati u dawn tnehhew minn halilien giet michuda, ghax kien obbligu tal-awtoritajiet f'kull kaz, li jaraw li l-ambjent ikun minghajr perikolu.*

*Li jghid ic-Charlesworth "On Negligence" (2-304) li jikkwota mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Lord Justice A. L. Smith qal "When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking throw the blame on the contractor."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Richard Fenech vs Rook Construction Limited et tat-3 ta' Ottubru 2003:

*"Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma ghogobhom ma jsejhux fil-kawza;*

*Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Victor Camilleri proprio et nomine et –vs- Nazzareno Cutajar et", Appell Civili, 9 ta'*

*Dicembru 1968, "fl-assenza mill-kawza tat-terz mhux maghruf hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita, b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu, jekk kien hemm, u ghandu jkun applikat l-Artikolu 1093 (illum Artikolu 1050) tal-Kodici Civili. Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m' hu ebda tort ta' l-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom ...";*

*Bl-istess mod u fl-istess sens gie ritenut fid-decizjoni "Anthony Fenech nomine –vs- Paul Gauci", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994:*

*"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza.'"*

Finalment, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Caroline Debono vs Kunsill Lokali Nadur, deċiża fit-2 ta' Lulju 2010 intqal hekk:

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Kunsill Lokali, bħal kull sid privat, ma jistax jeħles mir-responsabbilità billi jgħid li hu qabbad in-nies u li dawn kellhom jaraw li jiġu evitati inċidenti. Il-Kunsill appellant għandu responsabbilità għax-xogħlijiet imwettqa fuq inkarigu tiegħu, anke jekk saru mill-kuntrattur imqabbad minnu. Hu kien obbligat li jinsisti li jara li l-kuntratt mogħti minnu jiġi eżegwit mingħajr ma jinħoloq perikolu għaċ-ċittadin, u li jieħu l-provvedimenti opportuni biex jirrimedja s-sitwazzjoni jekk jirriżulta xi nuqqas. Inoltre mill-provi rriżulta ċar li l-Kunsill Lokali nqeda b'nies li, fiċ-ċirkostanzi partikolari, ma kienux kapaċi in kwantu naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet bażiċi u elementari li kellhom jittieħdu għas-sigurtà taċ-ċittadin*."

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha is-soċjetà konvenuta tgħid illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur nomine ma kienx jaf fejn hu miexi u li konsegwentement huwa ma rax dak li kien *in plain view*. Bid-dovut rispett, din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma din il-konklużjoni. Il-fatt illi kien hemm ħofra fil-bankina, u l-attur ma ndunax biha b'konsegwenza li waqa' fiha, ma jfissirx awtomatikament illi l-attur nomine ma kienx jaf fejn hu miexi. Is-soċjeta konvenuta kien ikollha raġun fl-argument tagħha kieku il-ħofra in kwistjoni kienet b'xi mod ġiet mdwara bl-ilqugħ sabiex persuni mexjin fuq il-bankina jkunu konsapevoli tal-perikolu. M'huwiex raġonevolment mistenni li kull minn jimxi fuq il-bankina iħares l-isfel il-ħin kollu sempliċiment għax jista' jkun illi jkun hemm xi ħofra fil-pavimentar ta' bankina ġdida bi traskuraġni ta' ħaddieħor.

Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi s-soċjetà konvenuta wkoll hija responsabbli għad-danni li sofra l-attur flimkien mal-Kunsill Lokali li f'idejh hija fdata l-mansjoni li jassigura li l-bankini bħala spazzji pubbliċi huma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Skont l-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn."*

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz għandu jiġi applikat dan l-artikolu, b'dan illi r-responsabbilita` għall-inċident għandha tiġi akkolta fuq il-konvenuti in solidum bejnithom. Ovvjament fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, il-ħlas irid eventwalment isofrieh min effettivament wettaq il-ħsara, iżda fil-konfront tal-vittma tal-ħsara, ir-responsabbiltà hija waħda solidali.

Il-Qorti ghalhekk tghaddi biex tqis il-kalkolu ta' danni sofferti. Jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident l-attur sofra ħsara kemm materjali konsistenti f'infiq f'mediċini u telf ta' salarju kif ukoll debilita` permanenti fuq il-persuna tiegħu. In materja ta' danni, artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

*"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

L-attur nomine ppreżenta kopji ta' rċevuti ta' spejjeż mediċi li nkorra kawża tal-inċident iżda in kontro eżami jikkonferma li huwa ġie rimborsat mill-assigurazzjoni tiegħu kemm tal-ispejjeż mediċi li nkorra waqt li kien hawn Malta kif ukoll l-ispejjeż inkorsi sabiex jirritorna Malta sabiex jiġi eżaminat mill-kirurgu Grixti. Għaldaqstant, jirriżulta li bħala spejjeż mediċi l-attur għadu ma tħallasx biss l-ammont ta' £16.76 ekwivalenti għall-€20.04.

Jirriżulta wkoll illi konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur nomine kien assenti mix-xogħol għal xi siegħat u għalhekk ġie mnaqqas mis-salarju tiegħu l-ammont ta' £117.02, ekwivalenti għall-€139.94 u dan skont ittra mibgħuta minn PPE Merchandising Solutions ma min huwa impjegat barra minn Malta.

B'hekk l-ammont komplessiv li tilef l-attur bħala danni konsegwenza ta' dan l-inċident qegħdin jiġu likwidati fl-ammont ta' €159.98 bħala *damnum emergens*.

Skont artikolu 1045, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005 ingħad hekk:

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur nomine konsegwenza ta' dan l-inċident ġie stabbilit mill-espert mediku fir-rata ta' tmienja fil-mija (8%). Ma jirriżultax illi dan ir-rapport ġie kkontestat mill-konvenuti u għaldaqstant din il-Qorti sejra taddotta l-imsemmi perċentwali ta' 8% fil-kalkoli tagħha. Fi żmien illi seħħ l-inċident l-attur kien jaħdem bħala *welder*.

Fir-rigward tal-multiplier, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-multiplier irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et tal-14 ta' Jannar 2016, dawn ġew definiti hekk:

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)."*

Hawnhekk issir riferenza għal ġurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu diażbilita` permanenti bħal ma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru

2012, fejn ingħad illi '*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformità f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilità kbira.*' L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza ta' Saliba msemmija ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qori ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur nomine li f'dan il-każ kellu 46 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat multiplier ta' 13-il sena.

Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur nomine , jirriżulta li fis-sena 2001-2002 l-attur nomine rċieva £15,762.95, ekwivalenti għal €18,850.56. Jekk wieħed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena, għal 13-il sena, u jekk wieħed jieħu dik il-paga li kien jitħallas l-attur nomine fi żmien l-inċident (€18,850.56) u dak tal-aħħar salarju (€18,850.56+ €3949.14 = €22,799.70) ossia l-medja bejn €18,850.56 u €22,799.70, dan iwassal għall-figura ta' €20,825.13 li għandha tiġi adoperata bħala multiplicand li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

Finalment, in vista tal-fatt illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa iżda tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir 11-il sena wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li l-konvenuti żammu f'idejhom u gawdew flus li jmissu lill-attur nomine, iżda l-attur ser jieħu l-benefiċċju li jdaħħal flus bħala *lump sum,* din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jsir tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) u ser tadotta dan it-tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* kif ġej:

8% x 13 x €20,825.13 = €21,658.14 – 5% = €20,575.23

Konsegwentement, meta ma' dan l-ammont jiġi miżjud l-ammont ta' €159.98 bħala *damnum emergens* iwassal għall-ammont komplessiv ta' €20,735.21 li għandhom jitħallsu lill-attur nomine mill-konvenuti in solidum bejnithom.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għall-inċident tad-19 ta' Settembru 2001 fejn l-attur nomine weġġa konsegwenza ta' ħofra fil-bankina quddiem il-lukanda San Antonio u għad-danni li ġarrab l-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tletin Ewro u wieħed u għoxrin centezmu (€20,735.21);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur nomine in solidum bejniethom l-ammont ta' għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tletin Ewro u wieħed u għoxrin centezmu (€20,735.21) in linea ta' danni bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

Spejjeż jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG